MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 187/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Omissis**
**Jason Psaila**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 333974 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. Ikkorrompa lil PC 1537 Stephen Caruana ai termini tal-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali;

2. U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew

ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00 ghad-dannu tas-socjeta' assiguratrici Elmo Insurance u persuni ohra, ai termini tal-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali;

3. U aktar talli sar kompliċi fir-reat ta' frodi dwar sigurta' billi ġiegħel id-delitt isir, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew xjentement għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat, jew billi xewwex lil haddiehor, inkella sahha il-volonta' tal-awtur jew tal-awturi sabiex id-delitt isir, jew wiegħed lill-awtur jew lill-awturi li wara jassistihom, jieqaf magħhom, jew jikkompensahom ai termini tal-Artikoli 42 – 47 tal-Kodici Kriminali;

4. U aktar talli sar komplici fir-reati ta' falsifikazzjoni maghmula minn Stephen Caruana, Joseph Pisani, Paul Pisani, u William Harmon, billi gieghel id-delitt isir, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, jew billi xewwex lil haddiehor, inkella sahhah il-volonta' tal-awtur jew tal-awturi sabiex id-delitt isir, jew wieghed lill-awtur jew lill-awturi li wara jassistihom, jieqaf maghhom, jew jikkompensahom ai termini tal-Artikoli 42 – 47, 180, 185, 186, 187, u 188 tal-Kodici Kriminali;

5. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datat 26.05.1994; u tal-04.07.1995, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 120, 308, 309, 310, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 295, 180, 185, 186, 187, 188 kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant Jason Psaila hati u ghaldaqstant wara li applikat il-provvediment ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu għal sentejn ħabs sospiżi għal erba` snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati tal-akkużi lilu addebitati u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena skont il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi huwa principju sagrosant li l-imputat għandu dejjem jibbenefika mil-liġi l-aktar favorevoli ghalih.  Issa fil-każ odjern meta tressaq l-appellant fit-30 ta' April 1998, l-artikolu li jittratta dwar ix-xhieda tal-komplici, cioe` l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali, kien jaqra hekk :

***"Meta x-xhud waħdani kontra l-akkużat b'xi proċediment għal reat li ma jkunx wieħed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126 u 138 ikun il-kompliċi, u x-xhieda tiegħu ma tkunx biżżejjed korroborata b'cirkostanzi oshra, x-xhieda ta' dan ix-xhud wahda ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati".***

Fil-mori tal-kawza u preċisament permezz tal-Att XVI tas-sena 2006, l-imsemmi subincis (3) ġie emendat biex jaqra :

***"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema quddiem il-gurati tkun persuna komplici, l-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat".***

Illi minn eżami tal-imsemmi subinċis (3) tal-artikolu 639, kif kien qabel is-sena 2006 u kif inhu llum, joħroġ ċar li qabel ma dan is-subinċis gie emendat, ix-xhieda ta' kompliċi mhux korroborat minn xhieda oħra (ovvjament mhux ta'

kompliċi ieħor) ma setgħetx twassal għal sejbien ta' ħtija. Mill-banda l-oħra wara l-emenda fis-sena 2006, ix-xhieda ta' kompliċi waħdu tista` twassal għal sejbien ta' ħtija jekk il-ġudikant, bid-debita kawtela, iħoss li jista' jistrieħ fuqha. Kwindi fejn qabel ix-xhieda tal-kompliċi waħda kienet teskludi sejbien ta' ħtija, tali xhieda illum hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant jekk tiġix aċċettata biex fuqha biss tinstab ħtija. Fid-dawl ta' dan għalhekk m'għandux ikun hemm dubju li l-liġi l-iktar favorevoli għall-akkużat u li messa giet applikata ghal kaz odjern huwa is-subincis (3) tal-artikolu 639 kif kien jeżisti qabel is-sena 2006 meta l-proċess odjern kien ġja ilu għaddej tmien (8) snin.

Illi pero` kuntrarjament ghal dan, minn ezami tas-sentenza appellata, jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati, mhux talli ma eskluditx ix-xhieda mogħtija mill-komplici Stephen Caruana, Paul Pisani u Joseph Pisani stante li x-xhieda ta' dawn il-persuni ma kenitx korroborata minn cirkostanzi rilevanti ghall-akkuzi dedotti iżda talli wżat l-istess xhieda biex issib sejbien tal-htija ai termini tal-artikolu 639(3) kif jaqra llum, liema artikolu gie fil-fatt ikkwotat *ad litteram* fis-sentenza appellata.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, l-esponent lanqas ma jista` jaqbel mar-riflessjoni li saret fuq il-persuni tal-kompliċi fis-sens li l-imsemmija persuni xehdu ghal prosekuzzjoni meta l-kaz taghhom kien ġja deċiz. Fil-fatt ghalkemm l-import tas-subinċis (3) tal-artikolu 639 (kif emendat fis-sena 2006) ilu fis-sistema Ingliż ghal ħafna snin, Sir Rupert Cross jgħid :

***"The mere fact that the witness has already been acquitted or convicted ought not to relieve the judge from the necessity of giving the warning because the witness's evidence at his trial may have been affected by the consideration mentioned by Sholl J ".*** Hawn l-awtur kien qed jirreferi ghal kaz "McNee vs Kay" fejn Scholl kien irrimarka li komplici jkun xehed mod fil-kaz tieghu bil-possibbli tentazzjoni li jesagera jew jiffrabbrika evidenza biex ikabbar il-htija ta' haddiehor u jnaqqas tieghu.

Illi ghalhekk l-esponent jissottometti li, kieku l-Ewwel Qorti applikat il-ligi l-iktar favorevoli lejn l-akkuzat kif fuq imfisser, hi ma kenitx tista` tasal ghal htija tal-appellant. Din is-sottomissjoni hija bbazata fuq il-fatt li, kif gja inghad, l-hekk imsejha evidenza rilevanti ghall-akkuzi odjerni hi kostitwita merament mix-xhieda ta' l-ex P.C 1537 Stephen Caruana, Joseph Pisani u Paul Pisani li kienu tlieta mil-ko akkuzati f'dan il-kaz u kwindi, bhala komplici kienu jehtiegu d-debita korroborazzjoni skond il-ligi u tali korroborazzjoni minn xhieda jew provi ohra ma tezistix. Irid jigi emfasizzat hawn li l-korroborazzjoni li trid il-lgii m'hijiex il-korroborazzjoni ta' bejn komplici u iehor izda korroborazzjoni ta' agir illecitu minn xhieda u provi ohra. U dwar tali xhieda u provi, jigi sottomess illi l-prova essenzjali u korroboranti ta' agir illecitu setghet biss tkun :

(i) fir-rigward tal-akkuża ta' korruzzjoni ta' PC 1537 Stephen CAruana, l-prova indipendenti u estranea li l-appellant hajru jaghmel skizz finta ta' kolliżkoni u li tali skizz kien fil-fatt finta – prova inezistenti ghajr ix-xhieda tal-istess Caruana;

(ii) fir-rigward ta' l-akkuzi l-oħra ta' frodi tas-socjeta` assikuratrici u falsifikazzjoni ta' dokumenti, l-prova indipendenti u estranea li s-socjeta` assikuratrici in kwistjoni mhux semplicement ħallset lil Paul Pisani minhabba l-ħabta, izda hallsitu indebitament ghaliex il-habta kienet wahda finta bbażata fuq dokument iffalsifikat – prova daqstant ineżistenti.

F'tali kuntest jigi rilevat li x-xhieda ta' Paul Barberi (rappresentant tas-socjeta` assikuratrici) li hallsu lil Paul Pisani abbazi tal-polza li kienet vigenti ma titfa ebda dawl fuq jekk l-iskizz tal-kollisjoni kienx wiehed finta jew le u lanqas ma hija prova ta' xi agir illecitu dapparti tal-appellant li ma rcieva xejn minghand is-socjeta` assikuratrici. Lanqas ma hemm evidenza ta' xi agir illecitu mix-xhieda ta' Andre Previ li sussegwentement xtara l-vettura ta' Joseph Pisani li dak iż-żmien kienet miżmuma fil-garage tal-appellant. Kull ma hareġ mix-xhieda tieghu hu li Pisani kien qed jitlob prezz u wara negozjar, spicca biex xtara l-vettura bi LM 300 inqas minn dak li talab Pisani.

Illi fl-aħħarnett l-appellant jilminta wkoll mis-sejbien ta' ħtija fuq l-akkuża tar-reċidiva. Fl-atti ghalkemm hemm il-fedina penali tal-appellant, ma jirrisultax li gew ezebiti u pruvati skond il-ligi s-sentenzi msemmija fil-hames imputazzjoni. Kif gie rilevat fil-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Zahra"

***Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tigi akkużata bir-reċidiva.***

Ikkonsidrat

**Il-parti tal-aggravju dwar jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellhiex tapplika l-artikolu 639(3) kif kien viġenti fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati (1997 – 1998) jew kif kien emendat fis-sena 2006.**

Is-sottomissjoni ewlenija tal-abbli avukat difensur hija li l-appellant għandu jibbenefika mil-liġi l-aktar benefika għalih.

Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni għandha tapplika fejn hija involuta l-piena. Jekk xi piena kienet aktar baxxa fi żmien meta seħħ ir-reat, allura għandha tingħata dik il-piena u mhux il-piena ogħla jekk fil-mori tal-kawża kien hemm xi emenda sabiex tiżdied il-piena. Mill-banda l-oħra jekk il-piena tonqos, allura għandha tingħata dik li hija aktar baxxa. (Ara n-Noti tal-Professur Mamo L-Ewwel

Parti). Jekk il-piena tkun abrogata, allura imbagħad jgħodd dak li jipprovdi l-Att Dwar l-Interpetazzjoni.

Iżda l-artikolu 639(3) tal-Kap 9 mhux artikolu dwar xi piena iżda wieħed dwar il-proċedura. Emendi fil-proċeduri għandhom ikunu applikati minnufih u jgħoddu wkoll għal dawk il-każi li jkunu bdew jinstemgħu qabel l-emenda fil-proċedura.

Dan il-punt diġa' kien eżaminat mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fis-sentenza 'Repubblika vs Mahmud Ali Amber' tat-28 ta' Ġunju 2007 fejn intqal kif ġej:

'Minn mindu sar il-ġuri, pero`, is-sitwazzjoni nbidlet peress illi bis-saħħa ta' l-Att XVI tas-sena 2006, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminal gie sostitwit u llum jaqra kif gej:

**"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."**

L-imsemmi subartikolu (3) kif inhu llum gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006 u l-appell gie trattat fid-9 ta' Ottubru 2006 minghajr hadd mill-partijiet ma rrefera ghall-fatt li kien sar dan it-tibdil u jekk tali tibdil setax b'xi mod jinfluwixxi fuq il-gudizzju f'din l-istanza. Din il-kwistjoni giet trattata fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2007 bid-difensur ta' l-appellant jissottometti li l-imsemmi subartikolu kif sostitwit ma kellux jigi applikat u bil-prosekutur donnu jissottometti l-kuntrarju.

Issa, kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

**"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw**

**mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, iżda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[1] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[2]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom *Human Rights and Criminal Justice* [3]:**

***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."*** [4]

**"Huwa ċar, għalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss għad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll għal dak proċedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkażjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li ġiet dejjem segwita hi li, bħala regola, id-dritt proċedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proċeduri li jkunu diga` ġew istitwiti qabel il-bidu fis-seħħ tal-"proċedura" ġdida – ara, fost oħrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta,**

---

[1] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[2] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[3] Sweet & Maxwell (London), 2001.

[4] P. 282, para. 10-05.

**tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet *The Republic of Malta v. Ravi Ramani* u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri*. Jingħad "bħala regola" ghax ma huwiex eskluż li jista' jkun hemm materji, apparentement proċedurali, iżda li tant direttament jinċidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-omissjoni, li għalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-prinċipju tan-non-retroattivita`."**

M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt proċedurali u għaldaqstant mhuwiex applikabbli l-prinċipju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkużat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-ġuri għandu jagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix meħtieġa aktar izda l-ġudikant ghandu jipproċedi b'dik il-kawtela li l-każ ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkużat ikun il-kompliċi li jista' jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat.'

Fid-dawl ta' din is-sentenza daqstant ċara, il-Qorti mhix sejra tilqa' dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant issottommetta li l-appellant għandu dritt jibbenefika mil-liġi l-aktar favorevoli għalih. Konsegwentement lanqas dik il-parti fejn issottometta li l-Qorti tal-Maġistrati jmissha skartat għal kollox ix-xhieda tal-kompliċi l-oħrajn.

L-appellant ma qabilx li l-Qorti tal-Maġistrati rreferiet għal fatt li dawn ix-xhieda xhedu biss 'wara li l-kawża tagħhom għaddiet in ġudikat.' Fil-fehma ta'd in il-Qorti l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta. Filfatt din hija prattika kostanti quddiem il-Qrati tagħna kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali. Anzi tajjeb li wieħed isemmi li l-Qorti tal-Maġistrati mmotivat tajjeb dak li qalet meta rreferiet għal dak li hemm fi Cross and

Tapper on Evidence (Colin Tapper Eleventh Edition) paġni 271 u 272. Is-silta kienet din:

*‘When people are charged in the same indictment, there are various devices by which the prosecution can render one of them competent and compellable against the others. A ‘nolle prosequi’ may be filed with reference to his case; it may be stated that no evidence will be offered against him when he will be acquitted; an order for separate trials may be obtained; or he may plead guilty;in this last event it is a matter for the discretion of the court whether or not the witness should be sentenced before being called on behalf of the prosecution*.’

Isegwi lil-Qorti tal-Maġistrati setgħet tistrieħ fuq ix-xhieda tal-kompliċi basta ħadet ċerta kawtela

Għalhekk li jonqos hu li din il-Qorti tiżen jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet legalment u raġjonevolment fuq dak li xehdu dawn il-kompliċi ukoll jekk m’hemmx korroborazzjoni ta’ din ix-xhieda.

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Mill-proċess jirriżulta dan li ġej:

Stephen Caruana xehed li f’Novembru 1997 kien sabu l-appellant u talbu jagħmel sketch biex ikunu jistgħu jikklemjaw l-insurance.. Il-karozzi involuti kienu Rover Concvertible ta’ kulur aħdar u Land Rover series 90 ta’ kulur aħdar ukoll. Ta’ dan l-appellant kellu jagħih Lm150. L-appellant kien sab in-nies, il-Land Rover u ġab il-particulars. Sid il-Land Rover, li kien William Harmon, tah il-particulars. Il-ħabta ma kenitx saret fuq il-post iżda fl-isqaq tal-garage ta’ fejn kien jaħdem l-appellant. Ix-xhud kien preżenti u ħa l-Land Rover fuq il-post biex tkun tista’ tintuża għad-daqqa. Kien ix-xhud li kellem lil William Harmon biex jużaw il-vettura tiegħu għad-daqqa. (fol 47). Fid-daqqa ħadu sehem ix-xhud, l-appellant, Paul Pisani u Joseph Pisani. Il-landrover l-ewwel saqha hu għal fuq ir-

rover u imbagħad saqha ħadd ieħor u iżda ma ftakarx min. Il-Lm150 kien tahomlu sid ir-Rover, wieħed minn ta' Pisani u tahomlu fil-garage tal-appellant. Kien tħallas ukoll Lm250 William Harmon. Pisani kien għadda l-flus lix-xhud u x-xhud għaddiehom lil William Harmon. **Il-flus ħarġu mill-but ta' Psaila u mhux mill-but tal-appellant.**

Xehed ukoll Paul Pisani li qal li r-Rover ta' ġuħ iż-żgħir kien inxurjat fuq ix-xhud. Ħuh iż-żgħir qallu li kienu ser jagħtu daqqa lir-Rover fi sqaq biex jikklemjawhmill-insurance. Kien mar l-isqaq u l-pulizija ħadlu l-particulars. Fl-isqaq kien preżenti la-ppellant ,ħuh iż-żgħir, il-Pulizija u l-Landrover iżda sid il-Landrover ma kienx hemm. Ma' ġenb l-isqaq hem mil-garaxx ta' Jason. Qabdu r-Rover u tawh daqqa fil-ġenb u imbuttawh ġol-ħajt. Max-xhud kien hemm l-appellant, ħuh iż-żgħir u l-Pulizija. Il-karozza kienet baqgħet għand l-appellant.

A fol 54 xehed Joseph Pisani. Huwa kien sid tar-Rover AAA 389. L-appellant kien qallu li kien hemm pulizija li jekk tagħtih il-flus jagħmillek sketch (fol 55). L-idea ħareġ biha l-appellant minħabba li ċertu parts ma setgħux isibuhom Malta. Kienu marru x-xhud, ħuh, l-appellant u l-Pulizija. Il-Pulizija saq il-landrover fl-isqaq tal-appellant u lkoll bdew jimbuttaw il-landrover fl-isqaq. Hawn ix-xhud reġa' semma li kienu hu, l-appellant, il-Pulizija u ħuh. Huwa kien ta Lm200 li dak li kien tahom id-daqqa u Lm150 lill-Pulziija. L-appellant kien qallu li l-Pulizija kien ser jieħu Lm150. Mill-insurance kien ħa Lm6,500. Imbagħad biegħ il-karozza lill-appellant għal Lm2,300.

Xehed ukoll Paul Barbieri, impjegat bħala claims manager u surveyor mad-Ditta Elmo Insurance. Huwa qal kfi fid-9 ta' Novembru 1997 kien mar ċertu Harmon u rraporta inċident. Fil-formola kien hemm ukoll l-isem ta' Paul Pisani – ix-xufier l-ieħor li allegatament ħabat miegħu Harmon – u l-karozza kienet Rover Covenrtible AAA389. Ix-hud kien mar jara l-karozza ġewwa St Ansdrew's Garage, Ħal-Luqa. Meta wasal ir-rapport tal-Pulizija huma ddeċidew li l-klijent tagħhom William Harmon kellu tort. Huam ddeċidew li l-karozza ma kwenitx tissewwa. Ftehmu li jagħtu lil Pisani Lm6500.

Fit-8 t’Ottubru 1998 is-sur Brian Farrugia ikkonferma li l-vettura bin-numru ta-reġsitrazzjoni AAA 389 tal-marka Rover Cambio tgħajjat lil Paul Pisani (ID 464087(M)).

Fl-istess data xehed Andre’ Previ. Dan ix-xhud qal li kien ibiegħ l-ispare parts lill-appellant u ra l-karozza fil-garaxx tal-appellant għat-tiswija. Imbagħad ix-xhud xtara l-karozza għall-prezz ta’ Lm2600. Il-flus tahom lill-appellant li imbagħad kellu jagħtihom lil Pisani. Huwa kien ra lil Paul Pisani fil-garage tal-appellant.

Xhieda oħra li xehdu matul il-proċess taw dettalji fuq kif sar l-arrest tal-appellant u l-ħinijiet li l-appellant inżamm arrestat. Dawn ma taw ebda dettalji dwar l-allegati reati.

Ikkunsidrat

L-ewwelnett, għalkemm it-tliet xhieda l-aktar importanti kienu kollha ko-akkużati qabel flimkien mal-appellant, fil-fehma t’a din il-Qorti dawn qed jgħidu l-verita’, Il-Qorti nnotat li meta xhud ħass li kellu jgħid li l-flus ħarġu minn but ħadd ieħor u mhux mill-appellant, ħa ħsieb biex jagħti dan id-dettall. Shud ieħor ta l-lista ta min kien hemm fuq il-post waqt il-ħabta finta darbtejn. U l-istess xhud semma lil ħuh ukoll.

Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi dubju dwar dak li ntqalu dawn ix-xhieda ukoll jekk tqishom b’kawtela kif jitlob l-artikolu 639(3). **Ix-xhieda kienu kollha ġenwini u veritjieri u ħadd minnhom ma pprova jgħabbi xi ħtija żejda fuq dahar l-appellant**.

Minn dak li qalu x-xhieda jirriżulta ċar li kien l-appellant li avviċina lil Stephen Caruana – li dak iż-żmien kien pulizija – u kkorrompih.

Jirriżulta wkoll li l-appellant għamel xi ħaġa tal-qligħ ukoll permezz tal-qerq li twettaq.

Mix-xhieda l-appellant għandu jinstab ħati wkoll li kien kompliċi għaliex għen attivament u moralment sabiex il-persuni li xehdu jwettqu d-delitt.

U fl-aħħarnett jirriżulta wkoll li huwa għen sabeix issir il-falsifikazzjoni magħmula minn Stephen Caruana għaliex dan tal-aħħar ħoloq document falz għal kollox. U dan id-dokument mhux biss qal il-flaz iżda d-dokument fih innifsu kien falz għax inħoloq bħala document ġdid meta dan id-dokument lanqas biss kien hemm bażi biex jinħoloq. Qisu nħoloq ċertifikat tat-twelid ta' persuna li jew qatt ma eżistiet jew, jek eżistiet, kien falz saħasitra fil-forma tiegħu għax ma kienx ċertifikat ġenwin.

**<u>Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.</u>**

**Il-parti tal-aggravju dwar ir-reċidiva.**

L-ewwelnett fil-lista tal-artikoli ma jidhrux l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9. Għaldaqstant ma jidhirx li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva. Biss id-difiża għandha raġun tgħid li l-appellant qatt ma seta' jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva għaliex ma kenitx ippreżentata s-sentenza relevanti u l-fedina penali waħdiha mhix biżżejjed biex imputat jinstab ħati tar-reċidiva. Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat sentenza ta' priġunerija sospiża ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9, bil-fors li l-addebitu tar-reċidiva ma kienx ikkonsidrat mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex kieku l-appellant instab ħati tal-addebitu, l-Qorti kienet tkun prekluża milli tapplika l-artikolu 28A tal-Kap 9.

**Il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju b'mod limitat għar-raġunijiet mogħtija f'dan l-istess paragrafu.**

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-30 ta’ Marzu 2012, fl-ismijiet ‘Il-Pulizja vs Jason Psaila’ fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------